**QORTI CIVILI (SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**Illum 14 ta' Settembru 2017**

Rikors Guramentat Nru. 34 / 17RGM

Kawza fil-lista: 1

**A B**
**vs**
**Dr C D kunjomha xebba E;**
**Dr F D;**
**l-Avukat Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Melissa Anastasi mahtura bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-minuri G D E permezz ta' digriet datat 21 ta' Frar 2017;**
**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attur li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

Illi fil-28 ta' Mejju 2014, il-konvenuta Dr C D kunjomha xebba E weldet tarbija ta' sess maskili bl-isem ta' G u dan skont kif jirrizulta mic-certifikat tat-Twelid li jgib in-nurnru progressiv ta' registrazzjoni 6254/2014;

Illi wara dan it-twelid, il-konvenuti Dr C E u Dr F D izzewgu nhar is-27 ta' Gunju, 2015;

Illi l-attur A B kellu relazzjoni intima mal-konvenuta Dr C D kunjomha xebba E mill-liema relazzioni twieled l-imsemmi minuri G nhar it-28 ta' Mejju, 2014;

Illi sa ricentement, l-attur dejjem kien gie nfurmat mill-konvenuta Dr C D kunjomha xebba E li l-minuri G kien jinsab registrat bhala iben missier mhux maghruf;

Illi ghal xi zmien, kien hemm disgwid bejn l-attur u l-konvenuta, liema disgwid wassal sabiex huma ma baqghux jiltaqaw flimkien. Pero` madwar Frar tas-sena 2016 il-partijiet regghu irrijavicinaw u l-attur beda jqatta` granet shah mal-minuri G u anke beda jiehu hsieb il-bzonnijiet kollha finanzjarji tieghu;

Illi recentement, ghal darb' ohra rega’ inqala dizgwid bejn l-attur u l-konvenuta u min dakinhar huwa beda jigi mcahhad milli jara lil minuri G;

Illi meta l-attur mar jigbor kopja tac-certifikat tat-twelid tal-minuri G, huwa skopra li l-istess minuri gie registrat fuq isem ir-ragel tal-konvenuta u cioe Dr F D;

Illi tenut kont dak kollu hawn fuq premess, jirrizulta car illi l-minuri G D E ma jipprissjedix stat ta' filazzjoni in konformita' ma' l-Att tat-Twelid tieghu;

Illi l-attur permezz ta' din il-kawza qieghed jitlob sabiex tigi sostitwita l-parti fejn tindika "Isem u Kunjom u post tat-twelid tal-Missier" u cioe "F D (Pieta Malta)" bil-kliem A B (San Giljan, Malta) u b'hekk l-attur jigi indikat bhala l-missier biologika tal-minuri G D E;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex :

Tiddikjara illi l-minuri G huwa effettivament wild l-attur A B u l-konvenuta Dr C D kunjomha xebba E.

Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jeffettwa d-debita korrezzjoni fl-Att tat-Twelid bin-numru progressiv 6254/2014 tal-minuri G fis-sens illi:

(i) taht il-kolonna fejn hemm indikat isem il-missier. l-isem 'F D (Pieta`, Malta)' jigi sostitwit bl-isem 'A B (San Giljan, Malta)'.

(ii) kif ukoll, wara li jitnehhew il-konnotati tal-konvenut Dr. F D, jigu mdahhla minflok il-konnotati ta' l-attur fuq l-imsemmi Att fil-parti fejn taqra:

(a) "Taghrif dwar isem u kunjom missier it-tarbija" (A B),
(b) "Professjoni, sengha jew stat iehor" (Direttur),
(c) "eta" (37 sena),

(d) "fejn twieled" (San Giljan, Malta),
(e) "fejn joqghod" (Zurrieq), u
(f) "isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet" (Francis Xavier B, haj)
(g) "isem u kunjom omm il-missier" (Maria Dolores maghrufa bhala Doris nee' Zammit) u
(h) kull dettal iehor li tordna din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposti guramentati tal-konvenuti.

B'nota prezentata fit-28 at' Lulju 2017 l-attur ceda t-tieni talba tieghu u zamm ferm l-ewwel talba attrici.

Rat illi fl-udjenza tal-5 ta' Settembru 2017 il-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni enumerata bin-numru wiehed (1) fir-risposta guramentata tal-konvenuta Dr C D.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenuta Dr C D prezentata fl-24 ta' Lulju 2017.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur A B tat-28 at' Lulju 2017.

Semghat it-trattazzjoni tal-Avukati tal-partijiet fl-udjenza tal-5 ta' Settembru 2017.

Rat l-atti

Ikkunsidrat;

Permezz tal-kawza odjerna prezentata fit-13 at' Frar 2017, l-attur qed jitlob lill-Qorti:

*"1. Tiddikjara illi l-minuri G huwa effettivament wild l-attur A B u l-konvenuta Dr C D kunjomha xebba E."*

Din hi kif rajna l-unika talba tal-attur..

Il-konvenuta qed teccepixxi illi l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ma hiex il-Qorti kompetenti sabiex titratta u tiddeciedi t-talba tal-attur.

L-eccezzjoni mertu ta' din is-sentenza taqra kif gej:-

“1. Illi preliminarjament, l-inkompetenza ta’ din il-Qorti biex tiddeciedi t-talbiet attrici dwar l-istat u r-registrazzjoni tal-minuri G D E.”

Ikkunsidrat;

Il-Qorti, filwaqt li tirreferi ghan-noti ta' osservazzjonijiet kif ukoll it-trattazzjoni orali tal-abbli difensuri tal-partijiet quddiem il-Qorti, tirrileva illi is-sottomissjonijiet fir-rigward tal-interess guridiku u meno tal-attur sabiex jistitwixxi l-kawza odjerna ma humiex rilevanti ghar-rizoluzzjoni tal-mertu tal-eccezzjoni in dizamina. Permezz tal-eccezzjoni taghha l-konvenuta qed teccepixxi li l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ma hiex il-Qorti kompetenti sabiex tiddeciedi t-talbiet attrici.

Appena huwa necessarju jinghad illi l-kompetenza tal-Qorti ma tiddependiex minn jekk l-attur ghandux interess guridiku jew le li jippromwovi l-azzjoni li permezz taghha jadixxi l-Qorti. Dik hi materja li tista' tigi tratta jekk l-eccezzjoni tal-kompetenza tigi respinta.

In tema legali jigi osservat illi hija gurisprudenza kostanti li l-kompetenza tad-diversi sezzjonijiet tal-Qrati u Tribunali hija materja ta' ordni pubbliku, tant illi jekk il-Qorti adita minn kawza tkun tal-fehma illi ma hiex kompetenti, filwaqt li l-konvenut ma jkunx issolleva tali nuqqas ta' kompetenza bhala eccezzjoni formali, l-Qorti ghandha s-setgha li tissollevaha hi 'ex officio'. Hija wkoll gurisprudenza kostanti illi "...il-kompetenza o meno [tal-Qorti] tiddependi minn dak illi jikkontjeni l-att tac-citazzjoni..." [**Joseph Vella vs Joseph Lautier** - Qorti tal-Appell - 3 ta' Dicembru 2004]. Issir ukoll referenza ghas-sentenza "**Anthony Azzopardi et vs Doris Behag et**" moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' April 2013 fejn b'approvazzjoni iccitat sentenza ohra moghtija fit-2 ta' Lulju 2009 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet "**Mifsud vs Genovese**":

“Illi inghad ukoll li l-kwestjoni ta’ gurisdizzjoni ta’ tribunal specjali, limitata kif inhi bil-kompetenza specifika li ligi specjali taghtih, hija kwestjoni ta’ ordni pubbliku, u ma tistax tigi deciza fuq bazi ta’ ekwita` jew konvenjenza. Kemm hu hekk, il-ligi nfisha trid li fejn ikun il-kaz, Qorti li ma tkunx wahda ta’ appell ghandha minn jeddha ex ufficio tiddikjara li m’ghandhiex kompetenza, ukoll jekk ma tkunx tqajmet eccezzjoni quddiemha f’dan is-sens.”

Aktar recenti gie dikjarat mill-Qorti tal-Appell:-

“Illi huwa pacifikament accettat illi l-kompetenza ta’ Qorti hi determinata fuq kollox, u qabel kull konsiderazzjoni tal-eccezzjoni moghtija, mit-termini tal-azzjoni attrici. Hu l-att promotur kif intavolat, it-talbiet u l-premessi taghhom, li

jiffurmaw il-parametri li fihom il-Qorti tezercita l-gudizzju taghha u li allura jiddeterminaw il-kompetenza taghha" [**Francica Anna et. Vs Komunika Logistics Limited** - Appell Superjuri - 18.07.2017].

Din il-Qorti ghalhekk tiddikjara illi l-kompetenza ta' din Qorti ser tigi determinata minn analizi tat-talba attrici u l-premessi relativi; irrispettivament minn jekk l-attur ghandux interess guridiku jew le li jintavola tali kawza u irrispettivament jekk it-talbiet attrici humiex fondati jew le. Huwa l-attur li jiddeciedi x'kawza jintavola

Il-Qorti ghalhekk ser tghaddi issa sabiex tevalwa x'inhu jitlob l-attur bil-mezz tal-kawza odjerna.

L-unika talba attrici li llum il-Qorti ghandha quddiemha hija dik fejn l-attur qed jitlob li jigi dikjarat li hu missier il-minuri.

Fl-udjenza tal-24 ta' Mejju 2017 Dott. Vincent Galea iddikkjara "illi l-azzjoni attrici hija msejsa fuq l-artkolu 99 u 100 tal-Kap. 16." Iddikjara wkoll illi l-azzjoni ma hiex imsejsa fuq l-artikolu 77A tal-Kap. 16.

**Artikolu 99**
**L-att li bih jiġi magħruf tifel imnissel u mwieled barra miż-żwieġ jista' jiġi attakkat mit-tifel kif ukoll minn kull min ikollu interess**.

**Artikolu 100.**

**It-talba ġudizzjarja għad-dikjarazzjoni ta' paternità jew maternità tista' tiġi attakkata wkoll minn kull min ikollu interess**.

Dawn iz-zewg artikoli appena citati jinstabu fis-sub-titolu III, tat-Titolu II, tal-Ewwel Ktieb tal-Kodici Civili.

**L-Ordni dwar it-Twaqqif ta' Sezzjonijiet tal-Qrati Civili tal-2003 (Ligi Sussidjarja 12.19)** tipprovdi illi ghandu jkun hemm tliet sezzjonijiet fil-Qorti Civili li ghandu jigi assenjat lilhom il-kategorija ta' kawzi li sa issa kienu jaqghu taht il-gurisdizzjoni tal-Qorti Civili (Prim' Awla) u tal-Qorti Civili (Sekond' Awla).

Artikolu 3 ta' din l-Ordni jipprovdi li ghandu jkun hemm tlett sezzjonijiet tal-Qorti Civili, wahda minnhom dik tal-Familja, filwaqt li bis-sahha tal-Artikolu 4 lill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ghandhom jigu assenjati dawk il-kawzi li jaqghu fil-kompetenza tal-Qorti Civili u li ghandhom x'jaqsmu ma'

**(a) it-Titoli I, II u IV ta’ l-Ewwel Ktieb tal-Kodici Civili;**

(b) l-Ordinanza dwar l-Esekuzzjoni ta’ Digrieti ta’ Manteniment;

(c) l-Att dwar l-Esekuzzjoni Reciproka ta’ Ordnijiet ta’ Manteniment;

(d) l-Att dwar iz-Zwieg; u

(e) l-Att dwar is-Sekwestru u l-Kustodja ta’ Minuri.

Kif rajna, iz-zewg artikoli tal-ligi li fuqhom qed isejjes it-talba tieghu l-attur jinstabu fit-Titolu II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodici Civili. Skont Artikolu 4 tal-Ligi Sussidjarja 12.19, una volta li l-mertu tal-kawza odjerna huwa regolat bl-artikoli tal-ligi li jinstabu fit-Titolu II tal-Ewwel Ktieb tal-Kap. 16, isegwi illi l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) hija moghtija l-kompetenza, ad eskluzzjoni ta' sezzjonijiet ohra, li titratta u tiddeciedi t-talba attrici..

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tichad l-eccezzjoni tal-inkompetenza enumurata bin-numru wiehed (1) fir-risposta guramentata tal-konvenuta Dr C D.

Bl-ispejjez ta' din is-sentenza in parte a karigu tal-konvenuta D.

**Imhallef** **Deputat Registratur**